

GWIDA FIL-QOSOR

# Riċerka u Żvilupp Xjentifiċi (R&ŻX), Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi (PPORD)

Id-dokument għandu l-għan li jispjega f'termini sempliċi l-obbligi għall-applikanti għall-eżenzjonijiet disponibbli għas-sustanzi ta'R&ŻX u PPORD

Verżjoni 1.1  
Ottubru 2017



## **AVVIŻ LEGALI**

Dan id-dokumenti għandu l-għan li jassisti lill-utenti biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament REACH. Madankollu, l-utenti huma mfakkra li t-test tar-Regolament REACH huwa l-unika referenza legali awtentika u li l-informazzjoni f'dan id-dokument ma tikkostitwixx parir legali. L-użu ta' din l-informazzjoni jibqa' r-responsabbiltà unika tal-utent. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma taċċetta ebda responsabbiltà fir-rigward tal-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li hemm f'dan id-dokument.

<b>Referenza:</b>	ECHA-14-G-15.1-MT
<b>Numru tal-Kat.:</b>	ED-04-14-927-EN-N
<b>ISBN:</b>	978-92-9244-928-5
<b>DOI:</b>	10.2823/84948
<b>Data tal-Pubblikazzjoni:</b>	Ottubru 2017
<b>Lingwa:</b>	MT

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) qiegħda tipprodu i serje ta' verżjonijiet "issimplifikati" tad-dokumenti gwida REACH sabiex dokumenti ta' gwida korrispondenti REACH ippubblikati mill-Aġenzija jsiru aktar aċċessibbli għall-industria. Bħala sommarji fil-qosor, dawn id-dokumenti ma jistgħux jinkludu d-dettalji kollha inklużi fid-dokumenti ta' gwida sħaħ. Għaldaqstant, f'każ ta' dubju, huwa rrakkommandat li wieħed jikkonsulta d-dokument ta' gwida fil-verżjoni sħiħa tiegħu għal aktar informazzjoni.

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2017

Jekk għandek mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument jekk jogħġibok ibgħathom (billi tindika r-referenza, id-data tal-ħruġ, ) billi tuża l-formola tat-talba għall-informazzjoni. Il-formola tat-talba għall-informazzjoni jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-paġna Ikkuntattja l-ECHA fuq:

<http://echa.europa.eu/contact..>

Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat orīginarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

## **L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

Indirizz postali: P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, il-Finlandja

Indirizz għaż-żjarat: Annankatu 18, Helsinki, il-Finlandja

## KRONOLOĠIJA TAD-DOKUMENTI

Verżjoni	Tibdil	Data
Verżjoni 1.0 (oriġinarjament mhux innumerata)	L-ewwel edizzjoni	2014
Verżjoni 1.1	<p>Rettifikasi li tkopri li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- Aġġornament tat-test sabiex jirrifletti l-implementazzjoni sħiħa tar-Regolament CLP;</li> <li>- Inklużjoni tar-referenza għall-manwal tekniku aġġornat bi struzzjonijiet prattiċi dwar kif tipprepara, tippreżenta u taġġorna dossiers tal-PPORD</li> <li>- Korrezzjonijiet żgħar biex jiġu aġġornati iperlinks u żbalji tipografiċi;</li> <li>- Allinjament tad-dokument mal-aħħar rekwiżiti tal-immaġni korporattiva tal-ECHA.</li> </ul>	2017

## WERREJ

<b>1. INTRODUZZJONI .....</b>	<b>4</b>
<b>2. DEFINIZZJONIJET .....</b>	<b>4</b>
<b>3. SOMMARJU TAL-OBBLIGI .....</b>	<b>4</b>
<b>4. DOSSIER TAN-NOTIFIKA PPORD, L-AĠġORNAMENT U Ċ-ċESSJONI TIEGĦU .....</b>	<b>6</b>
4.1 Aġġornament tan-notifika PPORD minħabba informazzjoni ġidha .....	6
4.2 Ċessjoni tal-PPORD .....	6
<b>5. ESTENSIJONI TAL-ĘŻENZJONI MILL-OBBLIGU TA' REĠISTRAZZJONI .....</b>	<b>6</b>
<b>6. TALBA GĦAL INFORMAZZJONI U KUNDIZZJONIJET LI JISTGĦU JKUNU IMPOSTI MILL-ECHA .....</b>	<b>7</b>
<b>    1.1.1 7. Fejn tista' ssib gwida ulterjuri u informazzjoni rilevanti oħra .....</b>	<b>8</b>

## 1. Introduzzjoni

Din il-Gwida fil-Qosor tagħti introduzzjoni sempliċi u konċiża dwar l-obbligi speċifiċi skont REACH għas-sustanzi mmanifatturati jew importati jew użati fir-Riċerka u l-Iżvilupp Xjentifiċi (R&ŽX) u r-Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi (PPORD), skont ir-Regolament REACH (KE) Nru 1907/2006.

Sabien jinkoraġġixxi l-innovazzjoni fost il-kumpaniji orjentati lejn ir-riċerka, REACH jippermetti eżenzjonijiet mill-awtorizzazzjoni u r-restrizzjonijiet għas-sustanzi użati fir-riċerka u l-iżvilupp xjentifiċi (R&ŽX) f'tunnellaġġi <1 tunnellata/sena. REACH jinkoraġġixxi aktar innovazzjoni billi jippermetti li s-sustanzi mmanifatturati jew importati f'tunnellaġġi >1 tunnellata/sena jiġu eżentati mir-reġistrazzjoni għal perjodu ta' 5 snin (jew iż-żejjed) meta jintużaw fir-riċerka u l-iżvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi (PPORD) jew jiġu esportati għall-finijiet ta' PPORD.

Dan id-dokument għandu l-ġhan li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-obbligi għall-applikanti għall-eżenzjonijiet disponibbli għas-sustanzi R&ŽX u PPORD u li jiċċara l-kunċetti ta'R&ŽX u PPORD. Madankollu, huwa rrakkommandat li taqra l-Gwida dwar obbligi li jappartjenu għal Riċerka u Żvilupp Xjentifiċi (R&ŽX) u Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi (PPORD)<sup>1</sup> sħiħa sabiex tikkonferma li tissodisfa r-rekwiżiti u l-obbligi possibbli.

## 2. Definizzjonijiet

**Riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi (PPORD)** huma kwalunkwe żvilupp xjentifiċu relatat mal-iżvilupp ta' prodotti jew proċessi u/jew l-applikazzjoni ta'sustanza ġidha jew digħi eżistenti, irrispettivament mit-tunnellaġġ. Jekk jogħġebok innota li n-notifika PPORD teżenta l-kwantitajiet li jaqbżu t-tunnellata importati jew immanifatturati għall-finijiet ta' PPORD biss mill-obbligu ta'reġistrazzjoni.

**Riċerka u żvilupp xjentifiċi (R&ŽX)** huma kwalunkwe esperiment xjentifiċu, analiżi jew riċerka xjentifika mwettqa taħt kundizzjonijiet ikkontrollati f'volum <1 tunnellata/sena/entità legali (eż. kumpanija). Il-kamp ta' applikazzjoni tar-R&ŽX japplika b'mod aktar ġenerali u għalhekk, dak li jista' jkun "PPORD għal <1 tunnellata/sena" huwa wkoll R&ŽX. Fi kwalunkwe każ ma hemm l-ebda obbligu li jiġu rreġistrati l-kwantitajiet ta'sustanza f'tunnellaġġi taħt 1 tunnellata/sena skont REACH, iżda s-sustanzi użati fir-R&ŽX jistgħu jkunu potenzjalment eżentati wkoll mir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni jew restrizzjoni li jistgħu japplikaw għal każijiet oħrajn. Ara t-taqsimiet 3.1.2 u 3.1.3 tal-Gwida sħiħa għal aktar informazzjoni dwar dan; **ir-R&ŽX mhumiex diskussi aktar f'dan id-dokument wara t-tabella sommarja ta' hawn taħt.**

## 3. Sommarju tal-obbligli

Tip ta' obbligu	Sustanza użata fir-R&ŽX	Sustanza użata fil-PPORD
<b>Reġistrazzjoni</b>	<b>Mhux meħtieġa.</b> Is-sustanzi kollha f'tunnellaġġi <1 tunnellata/sena/entità legali huma eżentati mir-reġistrazzjoni.	<b>Mhux meħtieġa</b> - temporanġament għal 5 snin, iżda l-kumpanija trid tippreżenta notifika PPORD lill-ECHA.
<b>Awtorizzazzjoni</b>	<b>Mhux meħtieġa.</b>	<b>Meħtieġa</b> għal sustanza elenkata fl-Anness XIV (sakemm mhux eżentata fl-Anness XIV).

<sup>1</sup> <http://echa.europa.eu/guidance-documents/guidance-on-reach>

Tip ta' obbligu	Sustanza użata fir-R&ZX	Sustanza użata fil-PPORD
<b>Restrizzjoni</b>	<b>Ma tapplikax.</b>	<b>Tapplika</b> , sakemm mhux eżentata fl-Anness XVII.
<b>Klassifikazzjoni, tikkettar u imballaġġ (CLP)</b>	<p><b>Meħtieġa</b>, jekk sustanza jew taħlita titqiegħed fis-suq (jiġifieri hija fornuta jew importata).</p> <p><b>Mhux meħtieġa</b> jekk ma titqiegħedx fis-suq.</p>	<p><b>Meħtieġa</b> għal <b>sustanzi</b> użati fil-PPORD, irrisspettivament minn jekk dawn is-sustanzi humiex disponibbli għal kwalunkwe klijent elenkat jew le. Għal <b>taħlita</b> li fiha sustanza PPORD, il-klassifikazzjoni (u t-tikkettar u l-imballaġġ skont is-CLP) hija meħtieġa biss jekk it-taħlita titqiegħed fis-suq (jiġifieri tintbagħat lil kwalunkwe klijent(i) elenkat(i)).</p>
<b>Notifika lill-Inventarju C&amp;L</b>	<b>Meħtieġa</b> , jekk is-sustanza jew it-taħlita hija kklasifikata bħala perikoluża u titqiegħed fis-suq.	<b>Meħtieġa</b> , jekk is-sustanza jew it-taħlita hija kklasifikata bħala perikoluża u titqiegħed fis-suq.
<b>Informazzjoni fil-katina ta' provvista</b>	<p><b>Teħtieġ skeda ta' dejta ta' sikurezza</b> (SDS - safety data sheet), jekk sustanza jew taħlita hija perikoluża skont ir-Regolament CLP, persistenti, bijoakkumulattiva u tossika; ta' persistenza għolja u bijoakkumulazzjoni għolja; jew hija inkluża fil-lista skont I-Artikolu 59(1) ta' REACH għal raġunijiet oħra jaġi ta' ġestjoni tar-riskji.</p> <p>Jekk SDS mhix meħtieġa, hija meħtieġa informazzjoni oħra għal ċerti sustanzi (ara s-subsezzjoni 3.1.6 tal-Gwida sħiħa).</p>	<p><b>Teħtieġ skeda ta' dejta ta' sikurezza</b> (SDS) (li trid tintbagħħat lill-klijenti elenkti), jekk sustanza jew taħlita hija perikoluża skont ir-Regolament CLP, persistenti, bijoakkumulattiva u tossika; persistenti ħafna u bijoakkumulattiva ħafna; jew hija inkluża fil-lista skont I-Artikolu 59(1) għal raġunijiet oħra jaġi ta' ġestjoni tar-riskji.</p> <p>Jekk SDS mhijiex meħtieġa, hija meħtieġa informazzjoni oħra għal ċerti sustanzi (ara s-subsezzjoni 3.2.6 tal-Gwida sħiħa).</p>
<b>Obbligi tal-utent downstream (DU - Downstream user)</b>	<b>Japplikaw.</b> L-obbligi normali japplikaw għal kull sustanza standard.	<p>(a) <b>Jekk DU huwa klijent elenkat f'notifika PPORD tal-fornitur</b>, id-DU għandu juża s-sustanza għall-PPORD biss u għandu jimplimenta l-kundizzjonijiet ikkomunikati mill-fornitur.</p> <p>(b) <b>Jekk DU juża s-sustanza rreġistra għall-PPORD tiegħu stess</b>, japplikaw l-obbligi normali tas-soltu għal kull sustanza.</p>
<b>Konformità mal-kundizzjonijiet imposti mill-ECHA</b>	<b>Mhux applikabbli.</b>	<b>Meħtieġa</b> , jew kwalunkwe kundizzjoni imposta mill-ECHA.

## 4. Dossier tan-notifika PPORD, l-aġġornament u ċ-ċessjoni tiegħu

Sabieħ wieħed ikun eżentat mill-obbligu li jirregista sustanza użata fil-PPORD, trid issir notifika PPORD. Sabieħ jagħmel dan, in-notifikatur irid joħloq dossier tan-notifika bl-użu tas-softwer tal-IUCLID<sup>2</sup> u jippreżentaha elettronikament lill-ECHA permezz tal-portal ta' REACH-IT<sup>3</sup>. In-notifikatur irid iħallas it-tariffa rilevanti wara li jkun irċieva l-fattura. In-notifikatur jista' jibda l-manifattura jew l-importazzjoni (tas-sustanza jew taħlita) jew il-produzzjoni (ta' oġġett) biss mal-konferma tat-tlestitja mill-ECHA jew ġimaginej min-notifika, sakemm ma jirċivix indikazzjoni għall-kuntrarju mill-ECHA. Għal istruzzjonijiet tekniċi dwar kif toħloq sett ta' data tas-sustanza u dossier, jekk jogħġibok ikkonsulta l-manwal tal-ECHA "Kif tipprepara reġistrazzjoni u dossiers tal-PPORD" disponibbli fuq <http://echa.europa.eu/manuals>.

### 4.1 Aġġornament tan-notifika PPORD minħabba informazzjoni ġdida

L-informazzjoni notifikata dwar PPORD tista' tinbidel maż-żmien. Madankollu, in-notifikatur jeħtieġ jissottometti notifika PPORD ġdida li għaliha jkollu jħallas tariffa ġdida kull darba li wieħed mill-elementi fin-notifika tal-PPORD tiegħu jinbidel. Minflok, dan jista' jagħżel, jekk jixtieq, li jaġġorna n-notifika.

### 4.2 Ċessjoni tal-PPORD

Meta n-notifikatur iwaqqaf l-attività PPORD, hu għandu jinforma lill-ECHA (billi juża l-funzjonalitā speċifika ta' REACH-IT). Meta l-attività titwaqqaf (jew l-eżenzjoni tkun skadiet), in-notifikatur għandu jiġbor il-kwantitatiet li jkun fadal tas-sustanza għar-rimi (jekk ma għandux l-intenzjoni li jkompli jimmanifatturaha jew jimportaha) jew jirregista s-sustanza (jekk għandu l-intenzjoni li jkompli jimmanifatturaha jew jimportaha).

## 5. Estensjoni tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' reġistrazzjoni

Il-perjodu tal-eżenzjoni jintemm wara ħames snin. Madankollu, in-notifikatur tal-PPORD jista' jitlob estensjoni tal-perjodu tal-eżenzjoni ta' ħames snin b'massimu ieħor ta' ħames snin (jew għaxar snin fil-każ ta' prodotti mediciinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju jew sustanzi li ma jitqegħidu fis-suq). It-talba għall-estensjoni teħtieġ tkun indikata bħala aġġornament tan-notifika IUCLID u tiġi ppreżentata lill-ECHA permezz ta' REACH-IT. Dokument li jiddeskrivi l-programm ta' riċerka u żvilupp li jiġiustifika l-estensjoni għandu jkun meħmuż ma' din it-talba.

Mal-preżentazzjoni tat-talba, in-notifikatur jirċievi fattura għat-tariffa tal-estensjoni. L-ECHA għandha tistenna l-pagament qabel ma tkun tista' tivvaluta jekk l-estensjoni hijiex iż-ġiġustifikata għall-perjodu mitħlu. Għalhekk, huwa rrakkommandat li l-pagament tat-tariffa jsir malajr kemm jista' jkun, iż-żda mhux aktar tard minn 30 ġurnata wara l-preżentazzjoni tat-talba.

Innota li minħabba li l-perjodu tal-estensjoni jibda wara l-aħħar ġurnata tal-ewwel perjodu tal-eżenzjoni ta' ħames snin, in-notifikatur huwa rrakkommandat li jippreżenta t-talba għal-estensjoni tal-inqas erba' xħur qabel biex jippermetti biżżejjed żmien għall-iproċessar tat-talba.

<sup>2</sup> Bażi ta' data Internazzjonali għall-Informazzjoni Kimika Uniformi: <https://iuclid6.echa.europa.eu/>

<sup>3</sup> Il-portal ta' REACH-IT huwa aċċessibbli fuq <https://reach-it.echa.europa.eu>

## 6. Talba għal informazzjoni u kundizzjonijiet li jistgħu jkunu imposti mill-ECHA

Jekk l-informazzjoni pprovdu fin-notifika PPORD ma tippermettix lill-ECHA sabiex tikkonkludi li r-rekwiżiti legali tal-Artikolu 9(4) huma ssodisfati, l-ECHA tista' titlob informazzjoni addizzjonali.

Wara li din l-informazzjoni tīgi evalwata, l-ECHA tista' tiddeċiedi li timponi kundizzjonijiet fuq l-attività tal-PPORD biex tiżgura li s-sustanza:

- tiġi mmaniġġjata biss mill-persunal tal-klijenti elenkti f'kundizzjonijiet ikkontrollati b'mod raġonevoli għall-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-ambjent
- ma tkunx disponibbli għall-pubbliku ġenerali u
- tinġabar mill-ġdid għar-rimi wara li jkun skada l-perjodu tal-eżenzjoni.

L-ECHA u l-MSCAs ikkonċernati għandhom dejjem iżommu kufidenzjali kwalunkwe informazzjoni ppreżentata mill-manifattur jew l-importatur ta'sustanza għall-PPORD.

## **7. Fejn tista' ssib gwida ulterjuri u informazzjoni rilevanti oħra**

Huwa rrakomandat li tikkonsulta l-*Gwida dwar obbligi li jappartjenu għal Riċerka u Żvilupp Xjentifiċi (R&ZX) u Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi (PPORD)* sħiħa biex tissodisfa r-rekwiżiti u l-obbligi possibbli tiegħek.

Informazzjoni addizzjonali hija disponibbli billi tikkonsulta d-dokumenti li ġejjin (permezz tal-hyperlinks ta' hawn taħt):

- *Gwida dwar obbligi li jappartjenu għal Riċerka u Żvilupp Xjentifiċi (R&ZX) u Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi (PPORD)*<sup>4</sup>
- Il-Manwal tal-ECHA “Kif tipprepara reġistrazzjoni u dossiers tal-PPORD”<sup>5</sup>

---

<sup>4</sup><http://echa.europa.eu/guidance-documents/guidance-on-reach>

<http://echa.europa.eu/manuals>

---

AĠENZIJA EWROPEA GRAS-SUSTANZI KIMIĊI  
ANNANKATU 18, P.O. BOX400,  
FI-00121 HELSINKI, IL-FINLANDJA  
ECHA.EUROPA.EU